Fuljett ta’ kull xahar




Volum 26
Ħarġa 11
Novembru 2024

**L-1 ta’ Novembru 2024-**Quddiesa ġewwa Project House ma’ Fr. Saviour-20.00

**It-8 ta’ Novembru 2024-**Kwizz ma’ John Muscat-Project House-20.00.

**L-Erbgħa, 13 ta’Novembru-**Grupp Kulturali-Villa Francia-Lija-10.00.

**Il-15 ta’ Novembru 2024-**Taħdita mill-ispiżjara Anna Fenech fuq Food Hygiene ġewwa project House-20.00.

**It-22 ta’ Novembru 2024-**Taħdita minn Dr. M Ebejer rigward kultura. Project House-20.00.

**Id-29 ta’ Novembru 2024-**Birthday Celebrations ġewwa La Sorpresa Restaurant, San Pawl il-Baħar-20.00. **Prezz 26€–**Booking permezz ta’ Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387 . Għidulna x’ser tieklu mal-booking.

**Menu-Starters-**Soup of the day or Penne Bolognese or Lasagna
or Chicken Salad or Ravioli di Pecora or Penne Courgettes Gluten Free (qarabagħli, Faqqiegħ, Tewm, Walnuts, Ħabaq, Cherry Tomatoes)

**Main-**Salmon or Chicken breast, or Bbq Spare Ribs or Ribeye or Swordfish.
1 free Soft drink, Glass of wine or Water. **Dessert-**Birthday cake.

NOVEMBRU 2024

Naf li fil-grupp tagħna hemm min hu dilettant tal-festi bid-delizzji kollha li jinvolvu u li ħafna drabi jsiru mill-volontarjat. Min ikanta f’xi kor. Fis-sajf, il-baħar, fix-xitwa mixja u picnic. Il-mixi wkoll jgħin. Jgħidu li-sserraħ moħħok.

Meta kont iżgħar kont nipprattika ħafna sport, imma bejn li tlift lill-mara u bejn li weġġajt l-irkoppa kelli nieqaf. Naturalment il-kilos bdew telgħin ukoll. Ġieli mort nimxi wkoll. Kollox jgħin ħbieb f’din il-ħajja tagħna. Semmejt ftit delizzji bħall-mużika, films, il-ġnien, il-festi, kitba u qari u attività fiżika. Hawn bosta delizzji oħra li huwa impossibli li nsemmihom kollha. Kollox hu marbut mal-karattru u l-kuraġġ tal-individwu. Il-ħajja diġà hija diffiċli. Ejja ma nagħmluhiex aktar diffiċli aħna stess.

**Skond il-fehma tiegħi.** Biex tieħu s-sapport u tibda tibni ħajtek mill-ġdid, trid kuraġġ kbir. Kultant naħseb li huwa aktar faċli li tinqafel ġewwa u tarmi ċ-ċavetta tal-ħajja milli tagħmel kuraġġ biex tmidd l-ewwel pass. Naturalment tmidd l-ewwel pass ’il quddiem. Ikun inutli li toqgħod iddur ċirku tond u ma tasal imkien għax tibqa’ fl-istess post. Trid kuraġġ sabiex terġa’ tibda tibni ħajja personali u ħajja soċjali ġodda. Hawn min meta jormol jibda jinqata’ minn kollox. Jitlef l-interess f’kollox. **Domanda**. **Imma kif toħloq ħajja ġdida wara l-mewt tal-mara jew tar-raġel?** Id-delizzji huma ferm importanti. In-niket li jinbet minn divorzju, terminazzjoni ta' impjieg, it-tmiem ta' ħbiberija jew il-mewt ta' xi ħadd maħbub, għalkemm differenti, xorta waħda għandhom is-saħħa li jibagħtuk f’ħajja li ma ridtx, li ma kinitx ippjanata. Għal xi wħud, dan ifisser it-telf ta' identità. **Ibda ibni mill-ġdid billi tkompli tagħmel dak li tħobb.** Sakemm għadna hawn, aħna rridu ngħixu għax billi romol, aħna xorta favur il-ħajja. Huwa d-dritt tagħna li nagħmlu dak li nħobbu! Dawn huma ftit delizzji li kienu ta’ għajnuna għalija personali.

**Jien min jien? X’nista’ nagħmel?** Id-delizzji u dak kollu li jirrilassak jilagħbu parti importanti biex wieħed jibda jħossu aħjar. Mhux qiegħed ngħid li se tinsa, qiegħed ngħid biss li għandek tkompli tagħmel dak li kont tħobb tagħmel. Il-mara jew ir-raġel telqu. Aħna le, aħna għadna hawn u sakemm nibqgħu hawn huwa d-dover u d-dritt tagħna li nibqgħu nagħmlu dak li nħobbu. Toqogħdux taħsbu f’dak li jgħidu n-nies. Komplu għamlu dak li tħobbu tagħmlu. Ngħid għalija, meta ġiet nieqsa l-mara, kont nisma’ ħafna mużika. Il-favorita tiegħi hija l-mużika Taljana. Però l-mużika togħġobni kollha. M’għandix ġeneru partikulari. Tkun mużika tajba, togħġobni. Skoprejt ħafna mużika ġdida wkoll. B’hekk mal-bonġu kuljum nagħmel kanzunetta fuq il-paġna ta’ Fb tal-grupp. Il-films minn dejjem kont inħobbhom. Forsi għax trabbejt fit-triq tar-Rex il-Ħamrun. Kont nara film kuljum. Għadni dilettant. Il-films bibliċi, il-films fuq l-imperu Ruman u films bil-kostum jibqgħu l-favoriti tiegħi. Nieħu gost ukoll insegwi xi sensiela fuq it-TV. Il-kitba wkoll tirrilassani. Qatt ma qist lili nnifsi bħala xi kittieb. Nikteb dak li nħoss. Inħobb naqra l-kotba u kull artiklu li jogħġobni. Il-ġnien ukoll joffri serħan il-moħħ. M’hemmx għalfejn ikollok ġnien, anke li tieħu ħsieb il-pjanti huwa delizzju. Li tara pjanta tikber u tisbieħ huwa ta’ sodisfazzjon.

Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu

Jikteb Frank Zammit-Ambaxxatur Malti għall-Vatikan.

**MIN KIENET VANNOZZA DEI CATANEI?**

Giovanna dei Catanei, magħrufa aħjar bħala Vannozza dei Catanei kienet mara li resqet lejn il-Kardinal Spanjol Rodrigo de Borgia u kellha erbat itfal minnu. Filwaqt li kellha relazzjonijiet ta' rġiel oħra r-relazzjoni tagħha ma Borgia kienet l-itwal wahda. Aktar tard il-Kardinal Rodrigo Borgia kien elett bħala l-Papa Alessandru VI u ggverna lill-Knisja Kattolika bejn l-1492 u l-1503.

Jingħad ukoll li din Vannozza kellha relazzjoni wkoll mal-Kardinal Giuliano della Rovere li aktar tard kien ukoll elett bħala l-Papa Ġulju II.

Vannozza u l-Kardinal Borgia kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin fl-1466 u kellhom erbat itfal. Cesare li missieru ħatru Kardinal, Giovanni li kien id-Duka ta' Candia, Lucrezia u Gioffre. Snin qabel ma l-Kardinal Borgia kien elett Papa kien waqaf jiffrekwenta l-Vannozza. Jista' jkun għaliex beda jħares lejn Giulia Farnese oħt il-Papa Pawlu III.

Meta mietet Vannozza indifnet b'rispett kbir fil-bażilika Rumana ta' Santa Maria del Popolo bil-permess tal-Papa Ljun X. Uħud jgħidu li permezz ta' din l-azzjoni Ljun X jew kien qed jaghraf li kienet il-mara tal-Papa Alessandru VI jew inkella l-omm tad-Dukessa ta' Ferrara.





Jikteb Frank Zammit-Ambaxxatur Malti għall-Vatikan.

**IL-ĠIŻWITA AUGUSTIN BEA**-Ġermaniz, professur tal-Bibbja, Missier l-Ekumeniżmu, riservat u omnipotenti...Hekk jiddeskrivi lill-Kardinal Bea l-filosofu u teologu lajk Franċiż Jean Guitton, li kien ġie mistieden sabiex jattendi bħala osservatur fil-Konċilju Vatikan II bħala lajk u li wara dak l-avveniment kbir kien sar ħabib kbir ta' Pawlu VI. Imma nerġgħu lura fuq il-Ġiżwita Bea..... Għal dsatax-il sena kien ir-rettur tal-Istitut Pontifiċju Bibliku, għal tlettax-il sena kien il-konfessur tal-Papa Piju XII, għal għaxar snin konsultur fis-Sant'Uffizju kif ukoll membru tal-kummissjoni għar-riforma tal-liturġija. Bea ppubblikat diversi kotba, ħafna minnhom bil-lingwa Latina kif ukoll 430 artiklu. Kien nhar it-Tnejn filgħodu fis-16 ta' Novembru 1959 meta Bea kien bilqiegħda fuq wara ta' karozza pparkjata faċċata tal-università Gregorjana meta uffiċjal tas-segreterija tal-istat tah ittra ssiġillata li kienet ġejja minn Ġwanni XXIII... Meta fetaħha sab dan il-messaġġ: "Eminenza, bil-ferħ u l-awgurju tiegħi, iżda żommha sigrieta sas-siegħa ta' waranofsinhar"... Kien il-messaġġ mingħand Ġwanni XXIII li fil-ġimgħat ta' wara kien ser iżejnu bid-dinjija kardinalizju.

Imwieled fl-istat tal-Baden kien meqjus bħala l-prinċep tal-Iskrittura Mqaddsa u kien għalhekk li kkollabora ma' Piju XII u d-Dumnikan Jacques Marie Voste fl-ippjanar u l-kitba tal-enċiklika "Divino Afflante Spiritum" tat-30 ta' Settembru 1943 u li kienet titratta dwar kif kellha ssir it-traduzzjoni tal-Iskrittura Mqaddsa. Xhur wara li laħaq kardinal, Ġwanni XXIII appuntah bħala President tas-Segretarjat għall-Għaqda tal-Insara. Dan il-Kunsill il-Papa kien waqqfu f'jumejn. Fl-enċiklika tal-1928 ta' Piju XI "Mortalium Animos", il-Papa kien saħaq li ma kienx hemm triq oħra għall-għaqda tal-Kristjani ħlief dik li jingħata lura d-dissidenti għall-unika Knisja vera ta' Kristu li li fil-passat kienu telqu minnha.

It-twelid ta' dan is-segretarjat fl-1960 kien it-twelid uffiċjali tal-moviment fil-Knisja Kattolika li xtaq l-għaqda fost dawk id-denominazzjonijiet li kienu jemmnu fi Kristu. Kien żmien ta' ftuħ fil-knisja, il-Knisja xtaqet tisma', tiddjaloga mar-reliġjonijiet. Kienet bdiet l-era tal-ekumeniżmu.

Il-patrijarka ta' Venezja, il-Kardinal Urbani kien ikkummenta hekk dwar Bea: "Jien m'għandix fiduċja fl-ekumenisti kollha, imma f'Bea għandi fiduċja għamja"!
Fil-konċilju Vatikan II, il-Kardinal Bea kien il-forza deċiżiva fil-kitba tad-dokument "Nostra Aetate" li kkundannat l-Anti-Semitiżmu. Fl-1963 organizza sensiela ta' diskussjonijiet sigrieti ma' Abraham Joshua Heschel sabiex jinstab punt tat-tluq għal-djalogu Kattoliku-Lhudi. Kien jingħad dan l-aneddotu tul il-konċilju Vatikan II: Fuq naħa kien hemm il-Kardinal Bea u l-Patrijarka Melkita Maximos IV...fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-Kardinal Alfredo Ottaviani...Kontinwament kontrarju għall-ħsibijiet ta' dawn it-tnejn.

Tafu kif kien jirreċta l-Confiteor, il-Kardinal Ottaviani kuljum?

Ottaviani minflok ma kien jgħid mea culpa, mea culpa, mea maxima culpa kien jgħid Bea culpa, Bea culpa, Bea Maximos culpa! Miet isofri minn infezzjoni fil-pulmun fl-età ta' 87 sena nhar is-16 ta' Novembru 1968 f'Ruma. F'mewtu mlibbes bil-libsa ġiżwita indifen fl-istess qabar ma' Karl Bea u Marie Merk, fil-presbiterju tal-Knisja Parrokjali ta' Riedbohringen skond ix-xewqa ta' ħbieb tiegħu ta' tfulitu....."Voluntieri" kien weġibhom. Imma flimkien ma' ommi u missieri", kien weġibhom lura!